MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2011

Numru 141/2007

**PULIZIJA
SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD
VS
RONALD AXISA
DOUGLAS AXISA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Ronald Axisa ta’ 46 sena, iben Emanuel u Carmela nee’ Zammit, imwieled Pieta’ fit-13 ta’ Awwissu 1960, residenti flat 7, Blk A, Oxford Court, Triq Achille Ferris, Msida u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 533660(M) u Douglas Axisa ta’ 26 sena, iben Ronald u Marianne nee’ Camilleri, imwieled Pieta’ fid-19 ta’ Awwissu 1980, residenti 125, Flat 2, Triq San Nikola, Valletta u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 441380(M).

Illi huma akkuzati talli nhar il-21 ta’ Novembru 2006 ghal habta tal-5:00a.m. gewwa l-Belt Valletta, ingurjaw, heddu u offendew lil Antonio u Sally Zampa;

Illi huma akkuzati wkoll talli fl-istess cirkostanzi, bil-lejl, volontarjament kisru l-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor;

Illi huma akkuzati wkoll talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe fuq propjeta’ li tappartjeni u ghad-dannu ta’ Antonio u Sally Zampa, liema hsara hija ta’ iktar minn Lm100 izda inqas minn Lm500;
Illi Douglas Axisa huwa akkuzat wahdu talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghamel uzu minn apparat tat-telekomunikazzjoni ghall-ghanijiet li ma kienux dawk li kienu pprovduti ghalihom;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tiprovdi ghas-sigurta’ ta’ Antonio u Sally Zampa u l-membri tal-familja taghhom u tapplika l-provedimenti ta’ l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.7) u dak ta’ l-imputati (a fol.12 u fol.13) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

L-Ispettur Mallia fix-xhieda tieghu a fol 14 ipprezenta l-istqarriji tal-imputati dok. AM1 u AM 2. Fl-istqarrija tieghu Douglas Axisa jinnega l-allegazzjoni maghmula kontra tieghu u jghid li missieru kien cempillu u talbu jinzel sa ghandu halli jkellmu u meta wasal fil-blokk tal-appartamenti tieghu, sab il-bieb ta' barra tal-kommun zgasssat, bieb tal-meters tal-elettriku zgassat, bieb tal-lift b'diversi daqqiet u carcir ta' demm fuqu. Illi missieru qallu li Zampa u Tony Attard il-Lupu, kienu responsabbli ghal hsarat. Illi huwa u missieru nizlu sabiex ikellmu lil Zampa izda kien hemm biss il-mara tieghu Sally. Innega li hu jew missieru wettqu xi hsarat avolja Douglas jammetti li beda jghajjat waqt li kien fl-intrata tal-flats.

Ronald Axisa fl-istqarrija tieghu xhed illi huwa kien jigestixxi kumpanija tas-*security* wara li kien infired minn ma' Joe Attard; Joe Attard u Tony Zampa kellhom kumpanija ohra tas-security. Axisa xhed illi Attard u Zampa kienu qeghdin jibaghtu certu nies fl-istabbiliment tieghu biex jaqilghu l-inkwiet. Illi fid-data inkwistjoni Zampa u Attard kienu gew fl-4am jaghtu fuq il-bieb ta' barra u jistidnuh ghall-glied.

Hu hareg fil-gallarija u ra lil Attard u Zampa jaghtu bis-sieq fuq il-bieb ta' barra. Dan dam ghaddej xi hmistax –il minuta. Axisa cempel lil pulizija. Illi huwa kellem ukoll lit-tifel tieghu u nizlu l-Belt sabiex ikellmu lil Zampa. Sabu l-bieb tal-kommun miftuh. Ronald Axisa nnega li ghamel xi hsara fuq il-bieb jew fuq il-propjeta' ta' Zampa pero' ammetta l-ghajjat (a fol 18).

Anthony Zampa xhed illi fid-data inkwistjoni huwa kien dahal f'xi 2am u stembah fil-5am bi hsejjes ta' tisbit. Il-mara tieghu qaltlu li kien hemm xi hames persuni jghajtu u jsabtu, fosthom, Ronald Axisa, li rieduh jinzel isfel. Zampa ghazel li jibqa' gewwa u waslu l-pulizija.

Zampa xhed li l-imputat ghajru pufta fost hafna dagha u ghajjat. Zampa xhed li xi ftit jiem qabel kien hemm incident bejn Joe Attard u Ronnie Axisa f'Paceville.

Zampa xhed illi kien mar ghand ironmongery Haz Zabbar u gab stima fl-ammont ta' 435 Euros dok. AZ. Il-hsara kien ghada ma sewwietx.

Sally Zampa a fol 27 xhedet illi fid-data inkwistjoni kienet semghet tisbit kbir u rat lill-imputati u xi nies ohra. Kien cempillha Douglas Axisa fuq it-telephone illi kien vulgari fil-lingwagg tieghu kif indikat a fol 28.

Sally Zampa xhedet illi zewgha hares mit-tieqa mbaghad rega' mar lura jorqod. Sally Zampa kkonfermat id-danni subiti.

PS728 Brendon Borg xhed illi huwa ma wettaqx tfittxija fuq l-persuna tal-imputat ghaliex ma hassx il-htiega li jaghmel dan.

Giet ezebita l-okkorenza dok PS a fol 32.

PS 1218 Raymond Vella xhed illi fuq struzzjonijiet ta' Supt. Sandro Gatt, kien mar sabiex jarresta lil Anthony Zampa. Illi kienet fethitlu Sally Zampa u nfurmatu li zewgha kien ghadu rieqed. Wara diversi tentattivi Zampa qam, libes u mar mal-pulizija. Kif nizel isfel PS 1218 gibed l-attenzjoni ta' Zampa ghal hsara fil-bieb ta' barra u tavolina li dehret maqluba.

**Sally Zampa qaltlu li aktar kmieni kienu gew ghalih xi nies <u>li ma gharfitx.</u>** Bejn 4:30am u 7:45am cemplu diversi nies fosthom certu Douglas li beda jinsulenta lir-ragel taghha.

PS 1218 xhed li Zampa ma kellmux fol 38 u 39.

Spettur A Mallia a fol 43 xhed illi l-partijiet komuni tal-blokk ta' appartament ta' Zampa kien pjuttost zdungati u mahmugin.

Clayton Gatt a fol 47 ikkonferma l-istima ta' LM435 ghas-serratura, *letter boxes* u *intercom*.

Ronald Axisa a fol 64 xhed illi fil-lejl bejn 20 u 21 ta' Novembru 2006, huwa qam mahsud f'xi 3:00am b'tizbit u ghajjat u diskors baxx minn persuna identifikata bhala Zampa.

L-imputat Ronald Axisa xhed illi hareg fil-gallarija, lemah lil Joseph Attard (maghruf bhala l-lupu) u Tony Zampa (maghruf bhala il-Belt) li kienu l-ex- partners tieghu fuq in-negozju. Axisa cempel ghal pulizija, wara ghoxrin minuta cempel il-kwartieri genrali, u mbaghad cempel lil Douglas ghall-protezzjoni.

Martu u t-tifel issakru go kamra, waqt li huwa qabad lasta ta' xkupa biex jipprotegi ruhu. Axisa xhed illi l-bieb ta' barra tal-kommun tal-flats gie sgassat, u bdew jaghtu daqqiet fil-lift izda ma telghux fl-appartament tieghu fuq. Axisa xhed illi kien hemm id-demm imcappas mal-hajt. Ronald Axisa xhed illi ttiehdu passi kriminali kontra l-kwerelant ghaliex kien kissirlu l-hanut tieghu.

L-imputat jghid li kienu gew il-pulizija wara xi nofs siegha u nizel maghhom jara d-danni fil-partijiet komuni tal-flats. Illi wara dan, Ronald Axisa nizel fir-residenza tal-kwerelant u beda jghajjatlu sabiex jinzel. Dan gara ghal habta ta' 4:45am sal-5am. Axisa xhed illi wara ftit minuti, gew il-pulizija ghaliex kienu msejha fuq xi serqa li sehhet fil-vicinazi. Axisa jghid illi Zampa, apparti li mar ikisser fil-hanut tal-kumpanija tieghu, mar ukoll ikisser il-hanut tat-tifel tieghu (il-hanut tal-*video rentals*) u b'kollox kisser hamest hwienet. Axisa xhed illi hu u Douglas ma ghamlu l-ebda hsara fil-parti komuni tal-flats tal-kwerelant. Mistoqsi xi gwaj kien hemm bejnu u bejn il-kwerelant, l-imputat jaghti sfond ta' *partnership* bejnu, Zampa u Attard fis-socjeta' tas-sigurta' li sfaxxat u bhala konsegwenza, twaqqfu zewg socjetajiet bl-istess generu ta' xoghol. Axisa jghid li gimgha qabel dik citata, il-kwerelanti u l-partner tieghu kienu sawtu lis-*security guard* impjegat mieghu (Axisa) u ghalhekk l-imputat kellu argument ma' Zampa u Attard fejn qalhom li ghal futur kellhom isibu lilu u mhux l-impjegati tieghu. Axisa xhed li Frank Grima sahansitra pprova jimmedja bejniethom izda hu (Axisa) ma riedx jiltaqa' maghhom.

Douglas Axisa a fol 72 xhed illi huwa akkumpanja lil missieru Ronald fil-blokk ta' appartamenti fejn joqghod Zampa izda ma kisser xejn u xhed li **f'temp ta' ftit sekondi** gew il-pulizija u raw kollox. Douglas xhed li cempel lil Zampa u rrispondietu l-mara tieghu. Hu xhed li la Zampa u l-anqas martu ma hargu mill-flat taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni jirrizulta b'mod ampju li bejn il-familja Axisa u Zampa hemm "*rivalry"* akuta li gejja mit-tifrik ta' negozju li kellhom bejniethom, ghal kompetizzjoni harxa, issa li, b'socjetajiet differenti, kienu qeghdin jikkompetu fl-istess generu ta' xoghol. L-akkuza principali migjuba kontra l-imputat hija dik ta' hsara volontarja.

L-Qorti, wara li gharblet ix-xhieda kollha, tqis illi din l-akkuza ma gietx ipprovata 'l hemm minn kull dubju dettat mir-raguni u dan mhux ghal xi nuqqas imputabbli mill-prosekuzzjoni izda, fil-fehma tal-Qorti il ghaliex provi kontra l-imputati qatt ma ezistew.

Il-pulizija kollha li accedew fl-appartament ta' Zampa jikkonfermaw l-istat **zdingat tal-partijiet komuni.** Illi in oltre, jirrizulta li l-pulizija waslu fuq il-post f'temp ta' **<u>sekondi</u>** l' ghaliex kienu ntbaghtu biex jinvestigaw serqa li kienet ghadha kemm sehhet;  ghalhekk ma setghux jigu kagunati il-hsarat li l-kwerelant jghid li sar, (b'tifrik tal-bieb ta' barra, il-bieb tal-meters tad-dawl, ksur tal-*intercom* u hsara tal-*letter boxes* kollha tal-flats) f'dawn il-ftit sekondi). Illi di piu mix-xhieda ta' Sally Zampa jirrizulta illi kienu gew xi nies li hija ma kienitx gharfet u dana ferm qabel it-telefonata ta' Douglas Axisa. Illi di piu l-Qorti wara li ezaminat dok A2 (a fol 26) u xhieda ta' Clayton Gatt hi tal-fehma li ma tistax taghti affidabilita li talli istima, irid jinghadd illi ma hemm ebda prezz ta' oggetti li

allegatament iridu jinbidlu, li ma kien hemm ebda ammont ghal mano d'opera.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-akkuza ta' theddid u ingurji kontra l-konjugi Zampa u l-ksur ta' buon ordni, din il-Qorti taghraf illi dawn gew provati sodisfacenti u anke ammessi mill-imputati.

L-ahhar akkuza skond il-gurisprudenza ricenti ma tikkostitwix reat.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-ewwel u t-tieni akkuza, mhux hatja tat-tielet u raba' akkuza li minnhom tilliberhom u wara li rat l-Artikoli 338 (dd), 339 (1)(e) 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. tqieghed lill-imputat taht garanzija ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro (232 Ewro) ghal sena bl-obbligazzjoni li ma jimmolestax lill-kwerelanti, il-konjugi Zampu u dana *in lieu of punishment.*

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------